**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 497/23 AL

A B

vs

C D B

(M.R. Numru 650/2009)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi r-rikorrent u l-intimata żżewġu nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) u dan skont iċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn anness u mmarkat bħala 'Dok A';

2. Illi r-rikorrent u l-intimata minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt (2) itfal ossia E B li twieled nhar il-wieħed u tletin (31) ta’ Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) u F B li twieldet nhar is-sbatax (17) ta’ Settembru tas- sena elfejn u erbatax (2014), ċertifikati tat-twelid jinsabu hawn annessi u mmarkati bħala Dok B u Dok Ċ rispettivament;

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin minn nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) b'kuntratt redatt fl- atti tan-Nuttar Dottor Luke Caruana li jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok D' iżda ilhom de facto separati minn Jannar tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021);

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi huma mifrudin, illum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi r-rikorrent u l-intimata rrinunzjaw mid-dritt li jirċievu l-manteniment mingħand xulxin;

6. (EUR 450) pagabbli kull xahar u cioe mitejn hamsa u għoxrin ewro (EUR 225) fix-xahar għal kull wild;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

i. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet,

ii. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imholli għal daqshekk mill- istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Settembru 2023;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieg jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Marzu 2023 u de facto separate minn Jannar 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.